## Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

LG (K.I. XXX)

*vs*

SG (K.I. XXX)

## Rikors Guramentat ta' LG (K.I. XXX)

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma s-segwenti fatti li hija taf bihom personalment:

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-XX gewwa l-Knisja ta' XX ġewwa l-XX kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat "Dok. A";

2. Illi nhar il-XX il-kontendenti resqu ghal kuntratt fl-Atti tan-Nutar XX XX prevja li ottjenew l-opportuna awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) fejn qablu li bejniethom ghandu japplika r-regim tas-separazzjoni tal-beni kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat "Dok. B";

3. Illi skont dan il-kuntratt, id-dar matrimonjali "XX", Triq il-XX, XX kienet propjeta parafernali tal-intimat u nbieghet minnhu bejn is-sena 2015 u 2016. Fil-fatt il-kontendenti kienu bdew jabitaw mal-genituri tal-konvenut;

4. Illi miz-zwieg tal-kontendenti twieldet NG fil-XXX li ghadha minorenni, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat "Dok. C";

5. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali taghhom giet reza impossibli kif ukoll minhabba eccessi, ingurji gravi u inkompatibilita ta' karattru tal-partijiet u dan kif se jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;

6. Illi l-esponenti qed tipprevalixxi ruhha mill-jedd li taghtiha l-ligi sabiex tipprezenta dina l-kawza u dan skont digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti hawn anness u mmarkat "Dok. D";

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u l-hajja konjugali taghhom giet reza impossibli

minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghalhekk l-esponenti qed tipprocedi ghall-firda personali skond il-ligi;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-hajja konjugali tal-kontendenti tkissret irriparabilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali tal-partijiet;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-wild minuri NG lill-esponenti b'access f'hinijiet u lok stabbiliti lill-konvenut ghall-istess minuri;

4. Tordna lill-konvenut jissoministra retta alimentari, li tigi minn dina l-Onorabbli Qorti iffissata, lill-esponenti sabiex tintuza ghall-bzonnijiet tal-minuri, liema retta alimentari tigi riveduta minn zmien ghal zmien sabiex tiehu kont tal-gholi tal-hajja hekk kif jigi minn dina l-Onorabbli Qorti deciz;

5. Tordna lill-konvenut jissoministra retta alimentari, li tigi minn dina l-Onorabbli Qorti iffissata, lill-esponenti sabiex tintuza ghall-bzonnijiet tal-esponenti, liema retta alimentari tigi riveduta minn zmien ghal zmien sabiex tiehu kont tal-gholi tal-hajja hekk kif jigi minn dina l-Onorabbli Qorti deciz;

Bl-Ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 111/11 kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil

Esponenti: AB, Triq XY, San Pawl il-Bahar
Intimat: XX, Triq il-Kbira, Rabat

**Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)**

LG

*vs*

SG

**Lista tax-Xhieda:**

Ir-rikorrenti ghal konferma tal-fatti;

L-intimat sabiex jixhed in subizzjoni;

Hbieb u familjari tal-partijiet sabiex jixhdu dwar ir-relazzjoni tal-kontendenti u dwar il-fatti;

Id-Direttur Qrati u Tribunali Civili sabiex jipprezenta kopja legali ta' atti relattivi ghal proceduri bejn il-partijiet;

In-Nutar XX XX sabiex jixhed dwar il-kuntratt tal-XX;

Rapprezentanti tal-banek kummercjali sabiex jixhdu dwar id-dhul tal-intimat, rapprezentanti tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta sabiex jixhdu dwar il-vetturi appartenenti lill-intimat u rapprezentanti tal-ETC sabiex jixhdu dwar l-impjieg tal-partijiet;

Avv. John Bonello

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja)**

LG

*vs*

SG

**Lista ta' Dokumenti:**

| | |
|---|---|
| Dok. A | Certifikat taz-zwieg tal-partijiet; |
| Dok. B | Kuntratt fl-atti tan-Nutar XX XX datat XX; |
| Dok. C | Certifikat tat-Twelid ta' bint il-kontendenti; |
| Dok. D | Kopja legali ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-XX; |

Avv. John Bonello

Avv. Marycien Vassallo

P.L. Jean-Pierre Busuttil